

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/118**tal-21 ta' Jannar 2019**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp stabbilit bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016. Dan ġie applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni, min-naħa l-waħda, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u l-Eswatini min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni u l-Mozambique mill-4 ta' Frar 2018.
- (2) Skont l-Artikolu 94(1) tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jstabbilixxi lista ta' 21 individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp rigward l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri.
- (4) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp rigward l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ ĠUL 250, 16.9.2016, p. 3.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 1/2019 TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

ta' ...

rigward l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 94, 100, 103 u 104 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' arbitri prevista fl-Artikolu 94 tal-Ftehim kif indikata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, hija b'dan adottata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp

Il-Ministru tal-Kummerċ tar-

Rappreżentant tal-UE

ANNEX

LISTA TA' ARBITRI PREVISTA FL-ARTIKOLU 94 TAL-FTEHIM

Arbitri magħżula mill-Istati EPA SADC:

1. Boitumelo Sedy GOFHAMODIMO
2. Leonard Moses PHUTI
3. Tsotetsi MAKONG
4. Sakeus AKWEENDA
5. Faizel ISMAIL
6. Kholofelo Ngokoane KUGLER
7. Nkululeko J. HLOPHE
8. Samuel Jay LEVY

Arbitri magħżula mill-UE:

9. Jacques BOURGEOIS
10. Claus-Dieter EHLERMANN
11. Pieter Jan KUIJPER
12. Giorgio SAĊERDOTI
13. Laurence BOISSON DE CHAZOURNES
14. Ramon TORRENT
15. Michael Johannes HAHN
16. Hélène RUIZ FABRI

Arbitri magħżula b'mod konġunt mill-Partijiet (ċittadini barranin li jistgħu jservu bħala President):

17. Merit JANOW
 18. Ichiro ARAKI
 19. Christian HÄBERLI
 20. Claus VON WOBESER
 21. Daniel MOULIS
-